A.L. 32 ta' l-1997

ATT TA' L-1994 DWAR KUMMISSJONI GĦALL-AMMINISTRAZZJONI TAL-ĠUSTIZZJA (ATT NRU. XI TA' L-1994)

Regoli ta' l-1997 dwar Appelli minn Deċiżjonijiet tal-Kumitat għall-Avukati u Prokuraturi Legali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 6 ta' l-Att ta' l-1994 dwar Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja għamlet dawn ir-regoli li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regoli jistgħu jissejħu r-Regoli ta' l-1997 dwar Appelli minn Deċiżjonijiet tal-Kumitat għall-Avukati u Prokuraturi Legali.

L-appell isir bil-miktub.

2. Kull appell lill-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja minn deċiżjoni tal-Kumitat għall-Avukati u Prokuraturi Legali kostitwit taħt l-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1994 dwar Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, għandu jsir bil-miktub.

Żmien li fih jista' jsir l-appell.

3. It-terminu biex jiġi sottomess l-appell huwa ta' għoxrin ġurnata min-notifika tad-deċiżjoni ta' l-imsemmi Kumitat. Din in-notifika għandha ssir permezz ta' persuni dettaljati għal dan l-iskop miċ-*Chairman* tal-Kummissjoni.

Fejn jiġi preżentat l-appell.

4. L-appell irid jiġi depożitat fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni fil-Palazz, il-Bet Valletta, fil-ħinijiet li fihom ikun miftuħ ir-Reġistru tal-Qorti.

Sommarju tad-deċiżjoni.

5. L-appell għandu jikkontjeni biss rikapitulazzjoni tal-parti tad-deċiżjoni li tkun appellata, u r-raġunijiet li għalihom ikun qiegħed jintalab li din tinbidel.

Data tas-smigħ.

6. Meta jiġi preżentat l-appell, il-Kummissjoni għandha fi żmien sebat ijiem tappuntah għas-smigħ, u dan għal data li ma tkunx aktar 'il boghod minn xahar mill-jum ta' l-istess preżentata.

Quorum.

7. Is-smiegħ isir mill-Kummissjoni kollha, iżda l-fatt li xi membri jkunu assenti jew ikunu ġew rikużati m'għandux iwaqqaf is-smigħ tal-appell basta li jkun hemm preżenti *quorum* konsistenti f'nofs l-għadd ta' membri li jistgħu joqogħdu u wieħed.

Is-seduti jsiru *in camera.*

8. Meta l-Kummissjoni tisma' appelli minn deċiżjonijiet tal-Kumitat għall-Avukati u Prokuraturi Legali, il-proċeduri għandhom jinżammu *in camera,* iżda l-Avukat jew il-Prokuratur Legali li kontrih ikun sar l-ilment oriġinali jista' jitlob li l-proċeduri jsiru bil-miftuħ.

Min ukoll jista' jkun preżenti.

9. Waqt is-smigħ tal-appell, kemm il-persuna li kontra tagħha sar l-ilment kif ukoll il-persuna li għamlet l-ilment u l-Kamra tal-Avukati jew il-Kamra tal-Prokuraturi Legali, skond il-każ, għandhom dritt li jkunu preżenti u rappreżentati.

Avviż ta' smigħ.

10. Id-data u l-ħin appuntati għas-smigħ tal-appell jiġu notifikati permezz ta' persuni dettaljati għal dan l-iskop miċ-*Chairman* tal-Kummissjoni.

Notifika tal-appell.

11. Kopja tal-appell tiġi notifikata lill-persuna li kontra tagħha jkun sar l-ilment oriġinali meta l-appell isir mill-Kamra tal-Avukati jew mill-Kamra tal-Prokuraturi Legali, jew lill-Kamra tal-Avukati jew lill-Kamra tal-Prokuraturi Legali meta l-appell isir minn min ikun sar l-ilment oriġinali kontrih.

Meta l-appellant jonqos milli jidher.

12. Jekk l-appellant, debitament notifikat, jonqos milli jidher għas-smigħ fil-ġurnata u l-ħin appuntati u jonqos milli jiġġustifika dak in-nuqqas bil-miktub fi żmien sebat ijiem, l-appell jitqies bħala deżert.

Xhieda u dokumenti.

13. Il-Kummissjoni jkollha dritt li terġa tisma' bil-ġurament kull persuna li tkun instemgħet mill-Kumitat għall-Avukati u Prokuraturi Legali, u għandu jkollha disponibbli kull inkartament li jkollu l-Kumitat dwar il-każ.

Avviż bid-deċiżjoni.

14. Għandhom jiġu notifikati bid-deċiżjoni tal-Kummissjoni l-persuna li kontriha jkun sar l-ilment, il-Kamra tal-Avukati jew il-Kamra tal-Prokuraturi Legali skond il-każ, u l-persuna li tkun għamlet l-ilment quddiem il-Kumitat għall-Avukati u Prokuraturi Legali.

Meta l-appell ma jinstemax *in camera.*

15. Meta s-smigħ tal-appell ma jkunx sar *in camera,* id-deċiżjoni dwar l-appell tingħata fil-pubbliku u din tkun tista' tiġi pubblikata sakemm dan isir fit-test shih tagħha.